# Kumitat Amministrattiv SWATAR

**Kunsilli Lokali ta' Birkikara u L-Imsida**

# Minuti

## Seduta Nru. 6/2010

Data: Il-Ħamis, 9 ta' Diċembru 2010

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali ta' Birkirkara, Ċentru Ċiviku, 2nd Floor, Triq Tumas Fenech, Birkirkara

---

Preżenti:
Mary Rose Mifsud
John Mary Zahra
Jane (Yvonne) Spiteri
Rudolph Cini
Michael Fenech Adami – Sindku Birkirkara
Christopher Galea – Aġent Segretarju Eżekuttiv

Is-Sur Mario Xuereb kien skużat minħabba safar.
Minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' L-Imsida m'attenda ħadd.

---

## AĠENDA

1. Talba
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti
3. Punti mqajma mill-Minuti
4. Korrispondenza
5. Ilmenti u Proposti
6. Komunikazzjoni miċ-Chairperson
7. Affarijiet Oħra
8. Aġġornament

---

## Kontenut

Annex A Minuti 6/2010

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Minuti 6/2010**

## 1. Talba

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5:50pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Minuti tas-Seduta 5/2010 li saret nhar it-28 t'Ottubru 2010, kienu tqassmu qabel u ttieħdu bħala moqrija. Ma kien hemm ebda korrezzjonijiet u ġew approvati unanimament mill-kumitat.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

3.1 **Fuq punt 3.2** – L-Aġent Segretarju qal li rċieva l-istima mingħand il-Perit tal-Kunsill sabiex jitranġa t-taraġ ta' *Valley Road*. L-istima tammonta għal €23,826.09. L-Aġent Segretarju spjega li din hija ċifra għolja u l-Kumitat jista jgħamilha biss billi japplika għall-xi fondi jew skemi li jistgħu joħorġu s-sena d-dieħla.

Taraġ ta' *Valley Road* – Fondi UIF.

3.1.1 Is-Sur Fenech Adami issuġġerixxa li l-Kumitat japplika għall-UIF u jieħu l-fondi minn hemm.

3.1.2 Il-Kumitat qabel unanimament ma din il-proposta.

3.2 **Fuq punt 3.2.1** – Is-Sur Fenech Adami qal li ħareġ il-premess ta' dan il-Bus Stop u qed jiddiskuti ma kumpanija privata ħalli ssir.

*Bus Stop* ġo *Valley Road*

3.3 **Fuq punt 3.5** – L-Aġent Segretarju qal li issa l-fuljett lest u jonqsu biss li jiġi approvat.

Fuljett mill-Kumitat

3.3.1 Il-Kumitat approva l-fuljett u ddeċieda li jitqassam lir-Residenti kollha tas-Swatar fiż-żmien il-festi.

3.4 **Fuq punt 3.6** – Iċ-Chairperson qalet li trid tagħmel appuntament maż-Zak sabiex tiddiskuti magħhom fuq il-Kunsiill taż-Żagħżagħ u xi proġetti li jista' jkollhom fejn il-Kumitat ikun jista' jgħin.

Kunsill taż-Żagħżagħ

3.5 **Fuq punt 4.1** – L-Aġent Segretarju qal li fuq il-każ tas-Sur Daniel Magrin, il-Perit baqa' tal-fehma li l-Kunsill m'għandux jidħol għall-din l-ispiża għax-mhux responsabbilta tiegħu.

Ilment tas-Sur Daniel Magrin.

3.5.1 Il-Kumitat jaqbel li jibqa' fuq il-parir tal-Perit u r-Resident għandu jiġi infurmat b'din id-deċiżjoni.

3.6 **Fuq punt 4.2.1** – L-Aġent Segretarju qal li qed jipprepara sabiex joħroġ sejħa għall-offerti fuq turf artifiċjali, lasti u rubber protettiv għall-ġnubijiet tal-pitch. Kif ikun lest u tingħata l-offerta, jibdew ix-xogħolijiet. Qal ukoll li fl-ittra ta' l-approvazzjoni tal-proġett, dan il-proġett irid jiġi finalizzat sa l-aħħar ta' Novembru 2011.

Proġett tal-Bandli tas-Swatar

3.6.1 L-Aġent Segretarju spjega li hemm il-ħsieb ukoll li mal-ħitan tal-bandli, minflok issir żebgħa normali, jinżebagħ bi graffiti ta' cartoons

maghmula minn żagħżagħ residenti s-Swatar setss. Din għanda toħloq sbuħija fl-istess ħin kreattivita' miż-żagħżagħ.

3.7 **Fuq punt6.1** – L-Aġent Segretarju qal li waqt il-laqgħa tal-Konfini li saret nhar it-Tnejn, 22 ta' Novembru 2010 ma rappreżentanti tal-Kunsill ta' Birkirkara, kulħadd qabel unanimament li fi Triq il-Qattus, li hija t-triq li tiddividi l-konfini bejn is-Swatar u Birkirkara, jiġi assigurat li ż-żewġ naħat tat-triq u l-entraturi kollha uffiċċjali tagħha jkunu parti mill-konfini tas-Swatar. Dan għaliex fl-elezzjoni li saret biex jiġu eletti il-membri tal-Kumitati Amministrattivi, kien hemm persuni minn din it-triq li ma kellhomx dritt għall-vot minħabba li ma kienux jgħamlu parti mill-konfini tas-Swatar. Laqgħa fuq il-Konfini

L-Aġent Segretarju qalli l-email intbgħatet għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

3.8 **Fuq punt 4.2.1** – L-Aġent Segretarju qal li s-Swatar kollha ġiet miżbugħa b'ringrazzjament tal-effiċjenza taż-żewġ Kunsilli Lokali. Żebgħa tas-Sinjali tat-Toroq.

3.8.1 Is-Sur Rudolph Cini qal li fi Triq Indri Grima, iż-żebgħa tal-parking bases jieqaf u jħalli nofs it-Triq mingħajr sinjali. Dawn għandhom jitkomplew jinżebgħu bil-parking bases (kaxxi bojod) avolja jista' jkun li qatt ma kien hemm sinjali. Il-Kumitat qabel ma din id-deċiżjoni

3.8.2 Is-Sinjura Yvonne Spiteri saqsiet fuq il-kaxxa bajda li hemm quddiem il-Maypole. Saqsiet ukoll fuq it-tappiera li hemm fuq il-bankina tal-Maypole għax għada mikxufa.

3.8.3 L-aġent Segretarju wieġeb li l-permess ta' *loading and unloading* dalwaqt joħroġ u kif il-Kunsill jirċievi l-permess, din il-kaxxa tinżebagħ skont il-permess. Rigward it-tappiera, l-Aġent Segretarju wieġeb li din kienet irrapurtata u issa jerġa jibgħat lill-Kunsill sabiex jara x'sar fuqha.

## 4. Korrispondenza

4.1 L-Aġent Segretarju ressaq quddiem il-Kumitat email mis-Sur John Wayne Attard (Waste Management Supervisor) fejn irċieva rapport fuq il-bins ta' reċiklaġġ li hemm fi Triq it-Torri, Swatar biex jitnaddfu madwarhom kif ukoll jitressqu mal-ħajt tas-sejjiegħ sabiex ma jintremax ħmieġ warajhom. Bins ta' Reċiklaġġ

4.1.1 Is-Sur Fenech Adami qal li dawn il-bins ma jistgħux jitressqu lura u kellem dak il-ħin lill-kumpanija Green MT sabiex jitnaddaf il-ħmieġ.

4.1.2 ** Is-Sur Michael fenech Adami ħareġ mill-laqgħa fis-6:35pm minħabba mpenji oħra.*

## 5. Ilmenti u Proposti

5.1 L-Aġent Segretarju ressaq quddiem il-Kumitat il-proposti ta' Fr Gordon sabiex jiġu diskussi mill-Kumitat. Proposti ta' Fr Gordon

5.1.1 **Fuq punt 1a** – Il-Kumitat iddeċieda li tiġi printjata mappa fejn hemm traffic flow tat-toroq kollha tas-Swatar u bħala traffic management, jiġu diskussi kollha f'daqqa.

5.1.2 **Fuq punt 1b u 1c** – Il-Kumitat iddeċieda li din tista tissolva biss bi Gwardjan Lokali. L-Aġent Segretarju għandu jiċċekkja fuq dan is-servizz peress li issa ġew f-idejn il-Kumitati tar-Reġjuni.

5.1.3 **Fuq punt 1d** – L-Aġent Segretarju għandu jiċċekkja mal-Kappillan stess jekk ma sarx xi tip ta' ftehim mal-APS sabiex il-ħaddiema jibdew jipparkjaw ġol-parking area tal-Knisja u b'hekk tittaffa l-problema tal-parking.

5.1.4 **Fuq punt 1e** – Rigward ir-rotot ta' tat-Traspost Pubbliku, din diġa kien qed tiġi diskussa mill-Kumitat.

5.1.5 **Fuq punt 1f** – Rigward l-ismijiet tat-toroq, il-Kumitat iddeċieda li jinġabru t-toroq kollha li jridu jissemmew, issir laqgħa fuqhom, u l-proposta tinbagħat bit-toroq kollha f'daqqa.

5.1.6 **Fuq punt 1g** – Triq il-Ġostra diġa ġiet approvata sabiex issir bit-tarmak.

5.1.7 Il-Kumitat lesta jiddiskuti l-ewwel paġna minn tnejn tal-proposti ta' Fr Gordin u ser jiddiskuti it-tieni paġna fil-laqgħa li jmiss.

## 6. Komunikazzjoni miċ-Chairman

6.1 Iċ-Chairperson qalet li għas-sena d-dieħla tixtieq li flimkien mas-Sur Jimmy Zahra u min jixtieq jiġi, ta' l-inqas darba kull ħmistax, il-Kumitat jibda jdur it-toroq tas-Swatar sabiex josserva x'hemm li jrid jinbidel jew jitranġa.

## 7. Affarijiet Oħra

7.1 Ma kienx hemm ebda Affarijiet Oħra x'jiġu diskussi.

## 8. Aġġornament

8.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7:25pm għall-Ħamis, 13 ta' Jannar 2011 fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' L-Imsida.

____________________ ____________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

## Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Deċiżjoni /Azzjoni Meħtieġa | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|---|
| **3.1.1** | **Fuq punt 3.2**<br>Taraġ ta' Valley Road | Il-Kumitat japplika għall-UIF u jieħu l-fondi minn hemm. | Aġent Segretarju |
| **3.3** | **Fuq punt 3.5**<br>Fuljett mill-Kumitat | Il-Kumitat approva l-fuljett u ddeċieda li jitqassam lir-Residenti kollha tas-Swatar fiż-żmien il-festi. | Aġent Segretarju |
| **3.4** | **Fuq punt 3.6**<br>Kunsill taż-Żagħżagħ | Iċ-Chairperson qalet li trid tagħmel appuntament maż-Zak sabiex tiddiskuti magħhom fuq il-Kunsiill taż-Żagħżagħ u xi proġetti li jista' jkollhom fejn il-Kumitat ikun jista' jgħin. | Aġent Segretarju |
| **3.5** | **Fuq punt 4.1**<br>Ilment tas-Sur Daniel Magrin. | Il-Kumitat jaqbel li jibqa' fuq il-parir tal-Perit u r-Resident għandu jiġi infurmat b'din id-deċiżjoni. | Aġent Segretarju |
| **3.8.1** | **Fuq punt 4.2.1**<br>Żebgħa tas-Sinjali tat-Toroq. | Triq Indri Grima, iż-żebgħa tal-parking bases jieqaf u jħalli nofs it-Triq mingħajr sinjali. Dawn għandhom jitkomplew jinżebgħu bil-parking bases (kaxxi bojod) avolja jista' jkun li qatt ma kien hemm sinjali. | Aġent Segretarju |
| **3.8.3** | Tappiera fi Triq tal-Maypole. | Rigward it-tappiera, l-Aġent Segretarju wieġeb li din kienet irrapurtata u issa jerġa jibgħat lill-Kunsill sabiex jara x'sar fuqha. | Aġent Segretarju |
| **5.1.1** | Mappa ta' *Traffic Flow* | Tiġi printjata mappa frjn hemm *traffic flow* tat-toroq kollha tas-Swatar u bħala *traffic management*, jiġu diskussi kollha f'daqqa. | Aġent Segretarju |
| **5.1.2** | Gwardjani Lokali | L-Aġent Segretarju għandu jiċċekkja fuq dan is-servizz peress li issa ġew f-idejn il-Kumitati tar-Reġjuni. | Aġent Segretarju |
| **5.1.3** | Problema ta' *Parking* | L-Aġent Segretarju għandu jiċċekkja mal-Kappillan stess jekk ma sarx xi tip ta' ftehim mal-APS sabiex il-ħaddiema jibdew jipparkjaw ġol-*parking area* tal-Knisja u b'hekk tittaffa l-problema tal-*parking*. | Aġent Segretarju |
| **5.1.5** | Ismijiet ġodda tat-Toroq | Jinġabru it-toroq kollha li jridu jissemmew, issir laqgħa fuqhom, u l-proposta tintbagħat bit-toroq kollha f'daqqa. | Aġent Segretarju |